



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni

Solidarjetà  
quddiem il-bidla



Ewropa  
Soċjali

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) jappoġġa lill-ħaddiema li jtitlifu xogħolhom minħabba l-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni. Dan jgħinohom isibu xogħol ieħor malajr kemm jista' jkun, wara l-għeluq ta' kumpanija kbira jew meta l-produzzjoni tiċċaqlaq barra mill-Unjoni Ewropea (UE). L-Istati Membri jistgħu wkoll jitolbu li l-Fond jassisti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija – li kkontribwixxiet għat-telfa ta' 4.5 miljun impjegat fl-Ewropa bejn l-ewwel trimestru tal-2008 u l-ewwel trimestru tal-2013, b'mod speċjali fil-manifattura u l-konstruzzjoni.

Sa mit-tnedija tiegħu fl-2007, l-EGF għe adattat diversi drabi. Minkejja dan, l-għan prinċipali tiegħu jibqa' l-istess: **biex jesprimi s-solidarjetà tal-**

**UE mal-ħaddiema affettwati minn-sensji tal-massa kkawżati mit-tibdil fix-xejriet tal-kummerċ dinji.** Billi jtejjeb l-impejgabbiltà tal-ħaddiema ssensjati, speċjalment ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol li għandhom ħiliet limitati u li huma żvantaġġati, il-Fond jgħinohom isibu opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

S'issa, madwar 30000 benefiċjarju minn madwar l-UE rċevew appoġġ ta' kofinanzjament mill-EGF li jiswa qrib l-EUR 135 miljun. Madwar nofs il-ħaddiema li ssieħbu fl-inizjattivi tal-EGF sabu xogħlijiet ġodda jew bdew jaħdmu għal rashom. L-applikazzjonijiet għall-Fond ikopru madwar 40 settur, li jvarjaw minn dak awtomobilistiku, tat-tagħmir elettroniku, il-pubblikazzjoni, il-bejgħ bl-immerġent u t-tessuti.

## Miżuri ta' appoġġ

L-EGF, strument speċjali li ma jagħmilx parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE, għandu baġit annwali massimu ta' EUR 150 miljun għall-2014-2020. Dan jipprovdi appoġġ limitat biż-żmien għal pakkett ta' miżuri ta' assistenza personalizzati li jinkludu tiftixa mfassla apposta għal impjegat, rikollokament jew kwalifika (mill-ġdid). Għestiti u mmexxija mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, dawn il-miżuri jitwettqu permezz ta' kombinazzjoni ta' proġetti li jdumu sa sentejn.

L-EGF ikopri 60% tal-ispejjeż tal-proġetti maħsuba biex jgħinu lill-ħaddiema li jkun għew issensjati biex isibu xogħol ieħor jew jifflu n-negozju tagħhom. L-Istati Membri jamministraw il-kontribuzzjonijiet tal-EGF u l-azzjonijiet li jirriżultaw minnhom.

Bħala regola ġenerali, l-EGF jista' jintuża biss fejn iktar minn 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja minn impjegatur wieħed, inklużi l-fornituri tiegħu u l-produtturi aktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni. Jista' jiġi attivat ukoll jekk aktar minn 500 ħaddiem jingħataw is-sensja f'settur partikolari f'reġjun wieħed jew f'diversi reġjuni ġirien. Il-Fond jappoġġa wkoll żoni



li qed jiffaċċjaw żieda qawwija fin-numru ta' zgħażaġh li qed ifittxu x-xogħol.

## L-EGF f'ċifri

- Ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun
- Kważi 120 applikazzjoni minn 20 pajjiż tal-UE
- EUR 492 miljun mitlubin biex jiġu megħjunin aktar minn 106.000 ħaddiem mill-2007 sa tmiem l-2013
- Applikazzjonijiet skont il-kriterji: kriżi (64), kummerċ (53)
- Assistenza medja tal-EGF għal kull ħaddiem fl-2012: EUR 8670

(Kummissjoni Ewropea, Diċembru 2013)

## Miżuri ġodda xprunati mill-kriżi

L-impjeg Ewropew ra tnaqqis kbir wara l-kriżi ekonomika tal-2008. L-ikbar telf kien fil-manifattura (4.5 miljun impjeg), il-konstruzzjoni (madwar 3.7 miljun impjeg), l-agrikoltura (iktar minn miljun), il-bejgħ bl-imnut (madwar 900.000) u l-amministrazzjoni pubblika (madwar 500.000).

Minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, fl-2009 ġew emendati r-regoli oriġinali tal-EGF (2007-2013). L-għan kien ukoll biex jiġu megħ-

juna l-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat tal-kriżi, billi jiffaċilita l-proċess biex jerġgħu jsibu impjeg malajr kemm jista' jkun permezz ta' skemi bħat-taħriġ u l-kollokamenti f'impjeg kofinanzjati.

Ir-rata ta' kofinanzjament tal-UE żdiedet minn 50% għal 65% sal-aħħar tal-2011, bħala "kriterju tal-kriżi" speċjali għall-għoti tas-sensja f'daqqa waħda. Dan il-kriterju, li jkopri "l-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali", saħħaħ b'mod sinifikanti l-applikazzjonijiet għall-EGF minn 15 biss għall-perjodu minn Jannar 2007 sa April 2009 għal 79 applikazzjoni għall-perjodu bejn Mejju 2009 sa Diċembru 2011. Sal-aħħar ta' Diċembru 2013, il-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-EGF saru taħt il-kriterju tal-kriżi (64) b'kuntrastr għall-kriterju tal-"kummerċ" (53). Forma mmodifikata tal-kriterju ġiet introdotta fil-Fond għall-2014-20.

F'bidla permanenti, il-livell limitu għall-eliġibiltà għall-applikazzjonijiet għall-EGF fl-2009 tnaqqas minn 1.000 għal 500 ħaddiem issensjati f'settur, reġjun jew kumpanija, u l-appoġġ tal-EGF kien estiż għal 24 xahar minn 12-il xahar.

## Kif l-EGF iżid il-valur

- Jipprovi fondi tal-UE maħsubin biex jindirizzaw il-bidla ekonomika rapida
- Imur lil hinn mill-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali għall-ħaddiema involuti f'sensji tal-massa
- Jgħaqqad il-partijiet interessati flimkien u jikkonċentra r-riżorsi
- Jista' jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-bżonnijiet, il-ħiliet u l-aspettattivi speċifiċi tal-ħaddiema

## X'appoġġ jista' jagħti l-EGF?

Il-finanzjament tal-EGF jista' jkun dirett lejn dawk li jitilfu x-xogħol f'sitwazzjonijiet ta' sensji tal-massa. Madankollu, huwa ma jistax jintuża biex iżomm kumpaniji fin-negozju jew biex jgħinjom jimmodernizzaw jew jirristrutturaw.

L-EGF jista' jikkofinanzja proġetti inklużi miżuri bħal: **għajjnuna fit-tiftix tax-xogħol, pariri dwar karrieri; edukazzjoni, taħriġ u taħriġ mill-ġdid; konsulenza u kowċing; intraprenditorija u l-ħolqien ta' negozju.** Jista' jipprovi wkoll gratifiki għat-taħriġ, gratifiki għall-mobilità/rilokazzjoni, gratifiki għas-sussistenza

u appoġġ simili. Min-naħa l-oħra, l-EGF ma jikkonfinanzja miżuri ta' protezzjoni soċjali bħall-pensjonijiet jew benefiċċju tal-qgħad.

L-EGF jista' jikkonfinanzja biss miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jerġgħu jsibu impjeg. Dan jista' jiffinanzja wkoll l-"attivitajiet ta' implimentazzjoni" ta' Stat Membru – bħal attivitajiet preparatorji, informattivi, pubbliċitarji u ta' kontroll għall-użu tal-finanzjament. Meta jfasslu pakketti ta' appoġġ, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-isfond, l-esperjenza u l-livelli ta' edukazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll il-kapaċità ta' tagħhom li jkunu mobbli u l-opportunitajiet ta' xogħol atwal/mistennija fir-reġjuni kkonċernati.

## L-ikkumplimentar ta' programmi oħrajn tal-UE

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-EGF jikkumplimentaw il-miżuri ta' appoġġ disponnibbli għall-benefiċjarji mill-fondi tal-UE jew minn politiki jew programmi oħrajn tal-UE. B'mod partikolari, dan jipprovdi lill-ħaddiema b'appoġġ ta' darba u limitat, li jinkludi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex iżidu l-impjegabbiltà ta' tagħhom u biex jiżgura r-riintegrazzjoni rapida ta' tagħhom fl-impjeg. Għaldaqstant, l-EGF huwa differenti mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), u jikk-

kumplimentah, billi l-FSE – bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE b'mod ġenerali – jadotta perspettiva strateġika u fit-tul permezz ta' attivitajiet bħall-edukazzjoni tul il-ħajja.

Skont is-sitwazzjoni reġjonali jew nazzjonali, l-EGF jista' jintuża flimkien mal-FSE. Fil-provinċji Belġjani ta' Limburg, West-Vlaanderen u Oost-Vlaanderen, l-EGF ikkumplimenta finanzjament federali, reġjonali u tal-FSE billi offra taħriġ għall-impjegati mkeċċija mis-settur tat-tessuti. Fi Spanja, f'Galicia u f'Castilla la Mancha, l-EGF stabilixxa gruppi gwida għall-individwi, b'hekk ippermetta li jingħata appoġġ iktar imfassal u flessibbli lill-ħaddiema ssensjati milli kien ikun possibbli taħt l-FSE.

## X'hemm ġdid fl-EGF għall-2014-20?

L-EGF jitkompla għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Bħal qabel, ser jipprovdi appoġġ speċifiku u ta' darba għall-ħaddiema mkeċċija bħala riżultat ta' tibdil strutturali kbir minħabba l-globalizzazzjoni u ser ikompli jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-qgħad f'każijiet bħal dawn.

Minn Jannar 2014, **il-konfinanzjament tal-UE fl-EGF żdied minn 50% għal**

**60%**. Madankollu, l-iffinanzjar globali tal-EGF huwa stabbilit fuq l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun, fejn qabel dan kien EUR 500 miljun.

Diversi elementi innovattivi ġew inkorporati fl-EGF għall-2014-2020. Pereżempju, il-**kategoriji ta' ħaddiema eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Fond twessgħu biex jinkludu dawk li jaħdmu għal rashom, ħaddiema temporanji u ħaddiema impjegati għal żmien fiss**. Minbarra l-globalizzazzjoni, il-**kriterji ta' intervent issa jinkludu wkoll kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi dinjija**.

Barra minn hekk, **sal-aħħar tal-2017 u taħt ċerti ċirkostanzi, iż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) f'reġjuni b'qgħad għoli fost iż-żgħażaġħ jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-EGF** f'numri ugwali għal dawk tal-ħaddiema li jirċievu appoġġ mill-EGF taħt l-istess applikazzjoni.

Bħal qabel, bil-konfinanzjament tal-EGF, l-Istati Membri għandhom ifasslu "pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati" (inkluż taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfassal apposta, miżuri speċjali b'perjodu ta' żmien limi-

tat bħal gratifiki għat-tifitx tax-xogħol jew għall-mobilità) biex jgħin lill-benefiċjarji fil-mira jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jsibu impjeg ġdid jew jibdedw jaħdmu għal rashom. Qed issir enfasi speċjali fuq l-għajjnuna lill-persuni qiegħda żvantaġġjati, dawk aktar anzjani u żgħażaġh biex isibu impjeggi ġodda.



Ir-regoli dwar il-kriterji ta' intervent tal-Fond, il-benefiċjarji eliġibbli, l-applikazzjonijiet eliġibbli, il-miżuri eċċ. huma stipulati fir-Regolament dwar l-EGF għall-2014-2020, li jirrevoka l-leġiżlazzjoni oriġinali tal-2006.

## Mogħdijiet għall-impjeg mill-ġdid: L-EGF fl-azzjoni

Wara 25 sena fis-settur tat-tessuti fi Spanja, **Jorge Bolufer** ingħata s-sensja. Huwa

approfitta ruħu mill-appoġġ tal-EGF disponibbli għal dawk li qabel kienu ħaddiema tat-tessuti ġo Valencia, li kien jinkludi kors dwar l-intraprenditorija, u f'Ġunju 2012 fe-taħ forn f'L'Alcúdia de Crespins. F'sentejn, in negozju l-ġdid tas-Sinjur Bolufer kien sejjer tajjeb ħafna. "Jien inqum kuljum fil-ħamsa u niftaħ il-ħanut mis-sebġha ta' filgħodu sa filgħaxija, u kultant naħdem nhar ta' Ħadd jekk ikun hemm bżonn," huwa qal. "Iżda kument ħafna u jien kburi li dħalt għal din l-isfida biex niżgura li n-negozju tiegħi ikun ta' suċċess."

Meta **Thomas Phelan** tilef xogħlu ma' Talk Talk f'Ottubru 2011, bħala wieħed mill-575 impjegat fiċ-ċentru telefoniku tal-kumpanija tat-telekomunikazzjoni f'Waterford ġewwa l-Irlanda, huwa waqqaf l-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Ssensjati ta' Talk Talk ta' Waterford u kellu rwol ċentrali fl-applikazzjoni għall-assistenza mill-UE taħt il-programm tal-EGF. Dan wassal għat-tnedija ta' għadd ta' miżuri dwar l-attivazzjoni tax-xogħol. Pereżempju, in-għatat assistenza finanzjarja biex tgħin lill-ħaddiema jmorru lura għall-istudji full-time jew part-time, b'mod partikolari kors f'livell universitarju fix-xjenza farmaċewti-



ka mill-Waterford Institute of Technology kif ukoll modulu li jwassal għall-kors fil-livell ta' Masters f'dan is-suġġett. B'rikonoxximent għat-tagħlim tiegħu stess fl-istitut u l-appoġġ għall-ex kollegi tiegħu, is-Sur Phelan irċieva l-"AIB Student of the Year Award 2013-4" fl-Iskola tax-Xjenza.

Aktar minn 70% tal-forza tax-xogħol ta' Talk Talk affettwata bbenefikaw minn firxa ta' appoġġ tal-EGF. Minbarra li tejjbu l-ħiliet tagħhom permezz ta' korsijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, diversi individwi waslu biex fetħu n-negozji tagħhom.

# Ħarsa ġenerali lejn l-Applikazzjonijiet għall-EGF sal-31 ta' Diċembru 2013 (Regolament dwar l-EGF 2007-2013)

skont l-Istat Membru u t-Tip ta' Applikazzjoni (Kriterji tal-Artikolu 1)

Stat Membru	Art.1	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Numru ta' applikazzjonijiet		Ħaddiema fil-mira		Kontribuzzjoni mitluba mill-EGF f'miljuni ta' EUR	
BE	krizi	0	0	0	1	0	0	0	1	7	2834	6885	9,6	26,0
	kummerċ	0	0	2	0	0	0	4	6		4051		16,4	
BG	kriżi	0	0	1	0	0	0	0	1	1	643	643	1,1	1,1
	kummerċ	0	0	0	0	0	0	0	0		0		0,0	
CZ	kriżi	0	0	0	1	0	0	0	1	1	460	460	0,3	0,3
	kummerċ	0	0	0	0	0	0	0	0		0		0,0	
DK	kriżi	0	0	2	2	1	0	0	5	10	3600	6234	38,3	63,7
	kummerċ	0	0	0	2	1	2	0	5		2634		25,4	
DE	kriżi	0	0	0	1	1	0	0	2	7	1959	11349	12,7	44,8
	kummerċ	1	0	2	0	0	1	1	5		9390		32,2	
IE	kriżi	0	0	3	3	0	0	0	6	7	9835	10267	60,6	63,3
	kummerċ	0	0	0	0	0	1	0	1		432		2,7	
EL	kriżi	0	0	0	0	1	0	0	1	1	642	642	2,9	2,9
	kummerċ	0	0	0	0	0	0	0	0		0		0,0	
ES	kriżi	0	0	2	3	4	0	0	9	19	7448	13736	20,6	46,9
	kummerċ	0	3	0	2	1	1	3	10		6288		26,4	
FR	kriżi	0	0	1	1	0	0	0	2	4	5671	8478	36,4	61,8
	kummerċ	1	0	0	0	0	0	1	2		2807		25,4	
IT	krizi	0	0	0	0	6	0	0	6	12	4630	12741	18,7	59,5
	kummerċ	3	1	0	0	0	2	0	6		8111		40,8	
LT	kriżi	0	0	4	0	0	0	0	4	5	2413	3013	2,6	2,9
	kummerċ	0	1	0	0	0	0	0	1		600		0,3	

Stat Membru	Art.1	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Numru ta' applikazzjonijiet	Ħaddiema fil-mira	Kontribuzzjoni mitluba mill-EGF f'miljuni ta' EUR
MT	kriżi	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0,0
	kummerċ	1	0	0	0	0	0	0	1	675	0,7
NL	kriżi	0	0	7	5	2	0	0	14	6921	23,7
	kummerċ	0	0	0	1	0	0	1	2	1633	5,1
AT	kriżi	0	0	1	1	2	0	0	4	1608	22,8
	kummerċ	0	0	0	1	1	0	1	3	594	9,6
PL	kriżi	0	0	0	3	0	0	0	3	979	1,2
	kummerċ	0	0	0	0	0	0	2	2	827	1,4
PT	kriżi	0	0	1	1	1	0	0	3	2245	5,4
	kummerċ	1	0	1	0	0	0	0	2	2122	3,3
RO	kriżi	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0,0
	kummerċ	0	0	0	0	1	1	0	2	2416	6,5
SI	kriżi	0	0	0	1	0	0	0	1	2554	2,2
	kummerċ	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0,0
FI	kriżi	0	0	0	0	0	0	0	0	0	0,0
	kummerċ	1	0	0	0	0	1	1	3	5634	17,2
SE	kriżi	0	0	1	0	0	0	0	1	1500	9,8
	kummerċ	0	0	0	0	1	1	0	2	2050	9,8
Total 20 MS	kriżi	0	0	23	23	18	0	0	64	55942	268,9
	kummerċ	8	5	5	6	5	10	14	53	50264	223,0

*Xi ċifri jistgħu ma jaqblux eżattament minħabba l-arrotondament*

1) It-tabella tirrifletti s-sitwazzjoni fil-31.12.2013.

2) Deroga temporanja li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-EGF għall-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija u li żżid il-kofinanzjament tal-EGF għal 65 % tal-ispejjeż totali applikati għall-applikazzjonijiet kollha rċevuti mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 (Regolament (KE) Nru 546/2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 167, 29.06.2009))

3) Waħda minn dawn l-applikazzjonijiet sottomessi (EGF/2009/022 B5/Kremikovtsi) ma kinix eliġibbli (SEC(2010) 993 finali tat-30.05.2010).

4) Ħdax-il każ li ġew iritarti mill-Istati Membri applikanti mhumiex inklużi fil-istatistika.

5) Tmien Stati Membri kienu għadhom ma applikawx għall-appoġġ mill-EGF sal-31.12.2013: L-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, is-Slovakkja, ir-Renju Unit kif ukoll il-Kroazja (li ssieħbet biss fl-UE fl-1 ta' Lulju 2013).

L-impjeggi madwar l-Ewropa ntaqtu ħażin minħabba l-impatti tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija. Dan il-fuljett jiffoka fuq il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) li jikkofinanzja appoġġ lill-ħaddiema tal-UE li jsibu ruħhom mingħajr impjeg wara l-għeluq ta' kumpanija kbira, tkeċċijiet ta' għadd kbir ta' ħaddiema jew meta l-produzzjoni f'xi settur tiċċaqlaq lil hinn mill-UE. Miżuri ta' assistenza personalizzata, imwassa permezz tal-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali, għandhom l-għan li jgħinu lil dawk il-persuni li jikkwalifikaw għall-appoġġ tal-EGF biex isibu xogħol ieħor jew biex jifthumb n-negozju tagħhom.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjeggi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



<https://www.facebook.com/socialeurope>



[https://twitter.com/EU\\_Social](https://twitter.com/EU_Social)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Ritratt tal qoxra: iStockphoto

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

ISBN 978-92-79-39520-8 (pdf)

doi:10.2767/38100 (pdf)